IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Central Public Library
Floriana FRN 1800
Malta EU

+356 21222654
joe.debattista@gov.mt

Regolamenti dwar il-ħatra ta' Kap Eżekuttiv u Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

1. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għandu jkun magħmul minn Kap Eżekuttiv u tmien membri eletti minn fost il-Kittieba, Illustraturi u Fotografi affiljati fl-iskemi tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku u Pubblikaturi rreġistrati mal-Malta Reprographic Rights Organisation (MRRO).

2. Il-Kap Eżekuttiv għandu jkun elett mill-Pubblikaturi, Awturi, Illustraturi u Fotografi affiljati kif jidher hawn fuq. Kull nomina għall-Kap Eżekuttiv għandha tkun iffirmata minn Pubblikatur flimkien ma' Kittieb/Illustratur/Fotografu.

3. Ħames membri mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għandhom ikunu eletti minn fost il-Kittieba/Illustraturi/Fotografi u kull nomina għandha tiġi ffirmata minn żewġ membri affiljati fl-Iskema tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku li jkunu Kittieba, Illustraturi jew Fotografi.

4. It-tliet membri l-oħra li jiffurmaw il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għandhom ikunu magħżula bħala rappreżentanti b'dan il-mod: wieħed min-naħa tal-Gvern; ieħor minn fost il-Pubblikaturi u ieħor minn fost l-Illustraturi u l-Fotografi.

5. Finalment is-Segretarju għandu jkun magħżul mill-Kap Eżekuttiv u approvat mill-Membri tal-Kunsill eletti.

6. Wara li tkun saret is-sejħa għall-elezzjoni ta' Kap Eżekuttiv u Membri tal-Kunsill, għandhom jibdew jintlaqgħu n-nomini skont kif spjegat f'para. 2 u 3 għal matul perjodu ta' tletin (30) jum mid-data tal-pubblikazzjoni tas-sejħa. Wara għandu jibda l-proċess tal-għadd ta' preferenzi sabiex jiġu identifikati l-persuni magħżula.

7. F'kaz li n-numru ta' nomini ma jaqbiżx in-numru mitlub fil-karigi msemmija, allura l-elezzjoni ma ssirx u dawk il-persuni innominati jiġu awtomatikament eletti fil-karigi li għalihom ġew innominati.

8. Il-proċess tal-elezzjoni għandu jitmexxa minn Kummissjonarji u Osservaturi indipendenti maħtura.

9. Kull membru li se jinħatar fil-Kunsill se jkollu remunirazzjoni ta' €2,000 fis-sena.